# Kunsill Lokali Birzebbuga

## Rapport Annwali Amministrattiv

### Jannar – Dicembru 2016

Il-Werrej


| | | |
|---|---|---|
| 1.0 | Il-Kunsill | 2 |
| 2.0 | Il-Finanzi u Il-Ħidma tal-Kunsill | 6 |
| 3.0 | Il-Varjazzjoni fid-Dħul u fl-Infiq | 13 |

# 1.0 Il-Kunsill

### 1.1 Il-Membri tal-Kunsill

Il-Kunsill ta Birzebbuga huma magħmul minn 7 Kunsilliera, b'Sindku u Viċi Sindku eletti demokratikament mill-poplu ta Birzebbuga

Is-Sena 2016, kienet it-tieni sena kalendarja tasSebgħa Leġislatura tal-Lokalita. Proprju fid-19 ta Settembru 2016, irriżenja is-Sur Kevin Barun, li kien jokkupa il-kariga ta Sindku. Il-Post battal ta Sindku ġie okkupat mis-Sur Joseph Cutajar, u sussegwentametn, il-post battal ta Viċi Sindku ġie okkupat mill-Kunsillier Joseph Baldacchino. Sa tmiem l-2016, il-siġġu battal ta kunsillier kien għadu ma mteliex..

Il-Membri fis-7 Kunsill fl-aħħar tas-sena 2016, huma:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joe Cutajar | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino | Viċi Sindku |
| Is-Sinjorina Leanne Grech | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Josette Busuttil | Kunsilliera |
| Is-Sur Herman Schiavone | Kunsillier |
| Ing. Stanley Zammit | Kunsillier |

### 1.2 Il-Kumitati / Sottokumitati

Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu, il-Kunsill jaħtar Kumitati/Sotto Kumitati, fejn il-funzjoni ta' dawn il-Kumitati/Sotto Kumitati, imwaqqfa fi ħdan il-Kunsill, hija proprju li jipproponu, jiddiskutu u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjanijiet tiegħu sabiex ikunu mwettqa dawk ir-responsabbiltajiet fdati lill-Kunsill, bħala Gvern Lokali.

Il-kumitati u s-Sotto-kumitati mwaqqfa f'dan is-sebgħa Kunsill, huma tlieta u għandhom dawn il-Kunsilliera bil-karigi u l-funzjonijiet tagħhom:

**Kumitat Finanzi**

| | |
|---|---|
| Chairperson: | Sur Joseph Cutajar |
| Dep. Chairperson: | Sur Joseph Baldacchino |
| Membru: | Sjra Josepha Busuttil |
| Membru: | Sur Svetlick Flores |
| Membru: | Sjr Doreen Mintoff |

**Kumitat Kuntratti**

| | |
|---|---|
| Chairperson: | Sur Joseph Cutajar |
| Dep. Chairperson: | Sur Joseph Baldacchino |
| Membru: | Sjra Leanne Grech |
| Membru: | Sur Herman Schiavone |

**Kumitat Proġetti Infrastrutturali**

| | |
|---|---|
| Chairperson: | Sur Joseph Cutajar |
| Dep. Chairperson: | Sur Joseph Cutajar |
| Membru: | Ing Stanley Zammit |

**1.3 Id-Delegi u Responsabiltajiet**

Kull Kunsillier għandu fir-responsabiltajiet tiegħu numru ta oqsma relatat mal-funzjonijiet tal-Gvern Lokali.

**Sindku – Joseph Cutajar:** Relazzjonijiet Pubbliċi, Relazzjonijiet Internazzjnali, Attivitajiet kollettivi tar-raħal, Ambjent u Tisbieħ

**Viċi Sindku, Joseph Baldacchino:** Anzjani, Saħħa u Sigurtà, Relazzjonijiet mal-Water Services, Bye-laws, Attivitajiet u facilitajiet sportivi.

**Kunsilliera Leanne Grech:** Edukazzjoni, Kultura, Kwalita u Drittijiet tal-Ġeneru, Inklużjoni u Aċċessibilta, Fondi Ewropew, Żagħżagħ.

**Kunsillier Josette Busuttil:** Attivitajiet, Qasam u Servizzi Soċjali, Għaqdiet.

**Kunsillier Herman Schiavone:** Komunità Kummerċjali, Ġbr ta Skart, Trasport Pubbliku u Traffiku,

**Kunsillier Stanley Zammit:** Dawl, Riċerka u Żvilupp Sostenibbli, Infurzar u Ordni Pubblika, Traffiku.

### 1.4 Laqgħat tal-Kunsill u Attendenza

Bejn l-1 ta Jannar 2016 u l-31 ta' Diċembru 2016 , inżammu ħmistax il-laqgħa tas-Seba' Kunsill, bl-attendenza tkun kif inhi hawn taħt:

| Kunsillier | Laqgħat | Preżenti | Skużati | Assenti | % |
|---|---|---|---|---|---|
| Kevin Barun* | 11 | 11 | 0 | 0 | 100.0 |
| Joe Cutajar | 15 | 12 | 3 | 0 | 80.0 |
| Joseph Baldacchino | 15 | 14 | 1 | 0 | 93.3 |
| Leanne Grech | 15 | 12 | 3 | 0 | 80.0 |
| Josette Busuttil | 15 | 14 | 1 | 0 | 93.3 |
| Herman Schiavone | 15 | 13 | 2 | 0 | 87.7 |
| Stanley Zammit | 15 | 14 | 1 | 0 | 93.3 |

Is-Sur Kevin Barun irriżenja minn Sindku u minn Kunsillier fid-19 ta' Settembru 2016

### 1.5 Laqgħat Oħra

Matul is-sena inżammu diversi laqgħat ma' Ministri u Diretturi ta' Dipartimenti Governattivi dwar xogħol konness mal-lokalita' tal-Birzebbuga. Il-Kunsill żamm laqgħat regolari ma' l-uffiċjali tal-Pulizija kif ukoll ma numru ta' entitajiet oħrajn li huma involuti fil-ħidma u fl-amministrazzjoni tal-lokalita'.

## 1.6 L-Amministrazzjoni tal-Kunsill

### L-Ufficju Amministrattiv

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabiltajiet kollha skont l-Att XV ta' l- 1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' ħames impjegati skrivani fix-xogħol tal-Uffiċċju.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Svetlick Flores | Segretarju Eżekuttiv (Minn Awissu) |
| Is-Sinjura Stephanie Aloisio | Amministrazzjoni |
| Is-Sinjura Simone Fenech | Attivitajiet u Relazzjoni mar-Residenti |
| Is-Sinjura Eleanor Manicaro | Finanzi |
| Is-Sinjura Gloria Abela | Relazzjoni mar-Residenti |
| Is-Sinjorina Kim Fenech | Relazzjoni mar-Residenti |

### Ħaddiema ssekondati u assenjati

Matul is-sena 2016, il-ħaddiema ssekondati kienu:

Is-Sur Raymond Vella - Resource Support and Services Ltd
Is-Sur Martin Falzon - Resource Support and Services Ltd
Is-Sur Peter Briffa – Ministeru tal-Infrastruttura

Din is-sena ukoll, permezz ta skema mħaddma mid-District Operations Ltd, u mill Jobs Plus, kellna servizz minn 7 persuni oħra, li jagħmlu xogħol ta tindif u manutenzjoni madwar il-lokalita.

Is-Sur Francis Cassar
Is-Sur Henry Zahra
Is-Sur Vincent Mackintyre
Is-Sur Bartolomeo Portelli
Is-Sur Raymond Cefai
Is-Sur Frans Zammit
Is-Sur Patrick Bugeja

# 2.0 Il-Finanzi u Il-Ħidma tal-Kunsill

## 2.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

**<u>ID-DĦUL</u>**

| | |
|---|---|
| L-Allokazzjoni annwali għas-sena 2015 kienet ta: | € 670,338 |
| Dhul Iehor mill-gvern | € 72,691 |
| ***Dhul minn Bye-laws*** | |
| Ksur ta Bye-Laws u Kontravvenzjonijiet | € 7,206 |
| ***Dhul minn Investiment*** | |
| Imgħax | € 76 |
| ***Dhul Ġenerali*** | |
| Gerali | € 38,132 |
| **Dhul Totali għas-Sena 2015** | **€788,417** |

**<u>L-INFIQ</u>**

| | |
|---|---|
| ***Salarji, b'total ta €127,562*** | |
| L-Onorarju tas-Sindku u Koncessjonijiet | € 12,360 |
| Paga tas Segretarju Ezekuttiv | € 31,224 |
| Pagi ta' l-Impjegati | € 70,972 |
| Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Socjali | € 6,137 |
| Koncessjonijiet | € 6,869 |
| ***Manutenzjoni u Xogħolijiet, b'total ta €34,412*** | |
| Tiswija ta Propjeta Pubblika | € 1,185 |
| Tiswija ta Toroq u Bankini | € 1,598 |
| Tabelli | € 7,108 |
| Sinjali tat-traffiku | € 5,277 |
| Manutenzjoni fuq asfaltar | € 14,780 |
| Ghamara u Apparat | € 1,377 |
| Tgħamir u Apparat | € 502 |
| Tiswija Oħra | € 2,585 |
| ***Spejjez Kuntrattwali, b'total ta € 248,761*** | |
| Tnehijja ta' skart | € 63,216 |
| Gbir ta' skart | € 71,678 |

| | |
|---|---|
| Gbir ta' skart goff | € 4,943 |
| Tindif | € 71 |
| Tindif ta' toroq | € 28,317 |
| Tindif u manutenzjoni - toroq mhux urbani | € 210 |
| Tindif ta' latrini pubblici | € 32,902 |
| Tindif ta' l-ufficini tal-kunsill | € 3,021 |
| Kuntratti Ohra | €16,465 |
| Tindif u manutenzjoni gonna pubblici | € 15,634 |
| Tindif u manutenzjoni - Bajjiet u xtut. | € 0 |
| Id-dwal fit-toroq | € 11,841 |
| Esperti | € 44 |
| Infurzar Lokali | €419 |

***Amministrazzjoni u Spejjez Ohra, b'total ta* €311,212**

| | |
|---|---|
| Utilitajiet U servizzi | €8,031 |
| Manutenzjoni | €5,136 |
| Kera | €4,638 |
| Memberships | € 0 |
| Servizza tal-Uffiċju | €11,895 |
| Trasport | €23,630 |
| Safar | €0 |
| Servizzi ta Informazzjon | € 5,723 |
| Kiri ta' taghmir | € 544 |
| Polza ta' Assigurazzjoni | € 2,142 |
| Spejjez Bankarji | € 159 |
| Servizzi Professjonali | € 8,878 |
| Tahrig | €90 |
| Entertainment | €1,505 |
| Serizzi ta Ospitalita | €1,043 |
| Attivitajiet Socjali | € 4,309 |
| Attivitajiet Kulturali | €20,091 |
| Servizzi Komunitarji | €21 |
| Spejjez Generali | €500 |
| Apparat *Written off* | €289 |
| *Provizjoni ta LES Receivables* | (€384) |
| Ammortisazzjoni | €784 |
| Deprezzament tal-Assi | *€212,178* |

| | |
|---|---|
| **Spejjez Totali għas-Sena 2015** | **€ 721,947** |

## 2.2 Il-Ħidma tal-Kunsill

Is-Sena 2016, Il-Kunsill kompla isegwi l-istruzzjonijiet tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex ma jagħmilx proġetti kapitali, minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja li affaċċja.

Il-Kunsill kompla jaħdem sabiex ikompli jirregola l-ispiża rikorrenti tal-Kunsill, kif ukoll ukoll iżid id-dħul tiegħu. Tali miżuri, sarrfu fil-pożittiv ferm, tant li l-Kunsill kompla jagħmel profitt f'kull kwart tas-sena. Ta min isemmi li l-Kunsill beda s-sena kalendarja b'indikatur tal-qagħda finanzjarja ta' -3.00%, u agħlaq is-sena bl'indikatar ikun -1%. Il-Kunsill qed jipproġetta li jaghlaq is-sena 2017 b'indikatur tal-qagħda finanzjarju pożittiv.

Madankollu, il-Kunsill xorta ma qatax qalbu u kompla ra kif għamel sabiex isib alternattivi oħra. Beda billi ħadem sabiex jingħalqu żewġ proġetti iffinanzjati minn Awtoritajiet / dipartimenti oħra. Fis-sajf 2016 ġie inawgurat ic-cirkwit turistiku, b'valur ta' €11,000, iffinanzjat mill-Awtorità ta-Turiżmu u bl-għajnuna wkoll tal-Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa. Dan kien jinkludi pannelli informattivi dwar siti storici fil-lokalita, fuljett informattiv dwar il-lokalita' b'żewġ lingwi, (Ingliż u Taljan), u website ġdida tal-Kunsill. F'Novembru ġie konkluż ukoll il-proġett ta tħaddir urban fil-lokalita', fejn inzeraw numru ta sigar u pjanti madwar il-lokalita kollha, b'valur komplessiv ta €30,000. Bl-ghajnuna tal-Enemalta, saru ukoll id-dawl tat-triq ġodda fi Triq Ferretti.

Tkomplew u bdew ukull diskussjonijiet oħra separati sabiex jiġu iffinanzjati proġetti kbar oħra, liema diskussjonijiet illum jinsagħbu fi stadju avvanzat, li fost l-oħrajn jinkludi proġett għal bandli inklussiv, skatepark, xogħol infrastrutturali f'Xatt San Ġorġ u riġenerazzjoni ġenerali ta Birżebbuġa. Tranport Malta u l-Ministeru tal-Infrasttura kienu wkoll ta sostenn billi beda l-proġett tax-xatt tal-Qajjenza.

Il-Kunsill kien attiv ukoll fil-qasam soċjali u kulturali. Ħa ħsieb li ta kull xahar jiġi organizzati ħarġiet kulturali għar-residenti. Bi pjaċir nistaw ngħidu li din is-sena, wara li ġie innutat żieda fl-interess, il-medja ta dawn l-attivitajiet żdiedet għal tnejn fix-xahar, fejn saru diversi ġiti f'postijiet imxerrdin ma' Malta kif ukoll f'Għawdex. Dan kienu jinkludul-Palazz tal-Inkwiżitur, Mużew Marittimu, Akwarjum Nazzjonali, Viżti tal-Ġimgħa l-Kbira, Mużew Naturali, Katakombi ta San Pawl, Sant'Iermu, Ġranet Għawdex, Fiera ta Montekristo, Popeye Village, Dawra fil-Port, Nottebianca, Birgu by Candlelight, Agriturizmu il-Manikata, Palazz tal-GranMastru, Pantomima l-Univiersita, Razzett tal-Markiż, weekend breaks, u ikliet. Minbarra dan, ġew imfakkra avvenimenti soċjali importanti bħal Jum il-Mara, Jum l-Anzjan, Jum l-Omm u Jum il-Missier.

Il-Kunsill żamm ukoll l-attività annwali ta skala kbira "Inġeddu Tfulitna", kif ukoll l-attivita' annwali, li kull sena qed tikber, "Joys of Gospel". Din is-sena il-Kunsill żied l-isforzi tiegħu u tella attività oħra ta' skala kbira, "Espressjonijiet Maltin", ġewwa l-Qajjenza, attivita

marbuta ma diversi tradizzjonijiet Maltin, fostom l-għana. Ittellaw ukoll numru ta fieri żgħar matul is-sajf intenzjonati għal familja. Matul numru ta tmiem il-ġimgħa, itellaw diversi programmi oħra taħt il-kunċett ta "Promenart", fejn diversi artisiti lokali taw pjaċir lil-pubbliku permezz tal-kapacitajiet tagħhom. Il-Kunsill reġa' kien involut ukoll f'numru ta' attivitajiet sportivi u edukattivi. Ta min jgħdi li dan l-attivitajiet, li tqassmu matul is-sajf kollu, ġew iffinanzjati kompletament permezz ta' fondi miksuba apposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, sponsorships u donazzjonijiet li inġabru proprju għal dan il-għan.

Din is-sena, il-Kunsill reġa tella wkoll l-attivita' Jum Birzebbuġa. Din saret f'Settembru, u kinet tinkludi quddiesa ta ringrazzjament ġewwa l-Parroċċa San Pietru fil-Ktajjen , u wara saret parata permezz tal-iscouts, sal-iskola Primarja ta' Birżebbuġa. Hemm ġie imtella attivita ta' kommemorazzjoni fejn apparti spettaklu ta fq il-palk, ingħataw diversi rikonoxximenti lil residenti li iddistingwew ruħhom matul is-sena. Matul din l-attivita' il-Premju Ġieħ Birżebbuġa ingħata lil ex-Sindku Joseph Farrugia, magħruf bħala r-Ricky.

Kontinwament il-Kunsill kompla ħa ħsieb li l-lokalita tkun fl-aħjar stat. Parti sostanzjali mill-allokazzjoni tiegħu tiġi iddedikata sabiex jingħataw is-servizzi minn diversi kuntratturi privati, bħal dak ta ġbir ta skart domestiku, ġbir ta skart goff, servizz ta' knis u tindif taz-zoni urbani, u manutenzjoni tad-dwal tat-toroq. Sabiex ninvestu iktar fl-aspett ta indafa u tisbieħ ġenerali, il-Kunsill assenja ukoll numru ta ħaddiema minn diversi skemi għal dan ix-xogħol. Dawn il-ħaddiema iwettqu xogħol relatat ma tindif ta żoni mhux urbani li jinsagħbu fil-konfini tal-lokalita'.

Fl-istess waqt isir tindif u manutenzjoni kontinwa fuq l-assi kollha tal-kunsill. Dawn jinkludi manutenzjoni fuq l-għamara tat-triq, railings u bankijiet, ta' propjetajiet u ta' ġonna pubbliċi, u kull tip ta għamara oħra, sabiex il-lokalita tkun dejjem fl-aħjar stat. Dan isir, fil-maġġior parti, mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill, b'hekk jinżamm iktar kontroll fuq l-ispejjeż tal-manutenzjoni.

Sar ukoll eżerċizzju ta *patching* f'diversi toroq fil-lokalita', fostom Triq tal-Papa, Triq tal-Ġebel u Sqaq ta' Salvun.

Il-Kunsill kompla jinvesti fil-lokalita, permezz ta tagħmir ġdid bħal bins, tabelli, bankijiet, lampi tat-toroq u sinjali tat-toroq ġodda u bini ta' ħitan fi Triq San Patrizju

Dan kollu kien intenzjonat sabiex ir-resident jighata trattament ahjar, u jkun kburi jgħid li huwa joqgħod f'Birżebbuġa.

## 2.3 L-Organizzazjoni

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

Is-Sindku, u l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri, flimkien ma diversi kumitati u sotto kumitati.

L-Uffiċju tas-Segretarju Eżekuttiv li tiġbor fiha s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, s-Sezzjoni Finanzi, u Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani. Ghalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċita l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din issib l-aħjar sistemi bejn l-istruttura organizzattiva fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku.

Ir-rwoli ta kull min hu involut fil-Kunsill, mis-Sindku ul-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun defenit u miftiehem, fen is-Sindku u l-Kunsilleir bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma tagħhom għal lokalita',u min hemm l-Amministratur, is-Segretarju Eżekuttiv, permezz tal-Uffiċju tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kolla maqbula mill-Kunsill, bl-aħjar mod possibli, dejjem skont kif jippermettu l-istess finanzi u fl-aqsar żmien mingħajr indħil tal-Kunsilliera.

L-Objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali, l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq mill-Kunsill, u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' l-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta spiża possibli.



## 2.4 Servizz tar-relazzjonijiet mar-Residenti / Klijenti

### L-Uffiċju Amministrattiv

L-irwol tal-Uffiċċju Amministrattiv, skont l-Att 363 tal-Kunsilli Lokali u r-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali, huwa li jara li d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill jiġu attwati.

Din is-sena l-Uffiċju Amminsitrattiv kompla żviluppa, fejn kompla jsir aġġornament fil-proċeduri addottati, sabiex il-Kunsill ikun jista' jiffunzjona aħjar. Tlesta r-rinnovazzjoni tal-Uffiċju Amministrattiv u il-Customer Care, ġew introdotti iktar softwares ġodda, u kompla jsir kompjuterizzazjoni ta' oqsma u xogħolijiet li kien iwettaq l-Uffiċju Amministrattiv. Permezz ta dawn il-mizuri, illum r-residenti qed jiġu moqdija b'iktar effiċjenza, mingħajr ma tinħoloq pressjoni żejda fuq il-membri tal-uffiċju.

### Impjegati tal-Kunsill

L-istaff kollu tal-Kunsill iwettaq b'ħidma kontinwa r-responsabiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa mpossibli li wieħed jelenka id-dettalji kolla tax-xgħol li jsir. Hafna minn dan ix-xogħol isir minn wara l-kwinti, xogħol li jinbena, ikun ppreparat, u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabilta kollha.

Ta dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill.

### Djalogu u Komunikazzjoni

Il-Kunsill jemmen fid-djalogu u komunikazzjoni sħiħa mar-residenti. Jintużaw mezzi differenti bil-għan li l-messaġġ jintlaħaq minn l-ikbar ammont ta nies possibbli. Fost dawn il-mezzi wieħed isib il-mezzi elettroniċi bhall siti soċjali Facebook, Twitter, il-paġna uffiċjali tal-Kunsill (www.lc.gov.mt) u il-paġna www.birzebbugalc.com li ġiet aġġornata għal verżjoni iktar friska fix-xhur li għaddew. Il-Kunsill ixandar il-laqgħat kollha online permezz ta sistema ta *live streaming* biex b'hekk ir-resident ikollu iċ-ċans li jsegwi il-laqgħat tal-Kunsill mill-kumdita ta daru. Il-Kunsill ixerred il-messaġġ tiegħu ukoll permezz ta mezzi tradizzjoni bhall magazine li jitqassmu lir-residenti bieb bieb, regolarment. Fl-istess waqt, il-Kunsill joffri servizz ta Customer Care kulljum bejn 7.45am u l-2.00pm

## 2.5 Konklużjoni

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill Lokali ta Birżebbuġa għal din is-sena, liema ħidma setgħat issir biss bil-membri tat-team kollu tal-Kunsill. Ta dan nieħu l-opportunita sabiex nirringrazzja lil-Amministrazzjoni tal-Kunsill, li huma l-mutur wara ix-xogħol li jitwettaq ta kulljum, lis-Sindku,, Lil-Viċi Sindku u lil Kunsilliera, kif ukoll li dawk kollha li b'xi mod jew ieħor qed jagħtu kontribut kemm lil-Kunsill kif ukoll lil-Lokalita.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| | |
| Svetlick J Flores<br>Segretarju Eżekuttiv | Joseph Cutajar<br>Sindku |

# 3.0 Il-Varjazzjoni fid-Dħul u fl-Infiq

(Informazzjoni estratta mill-Financial Statements 2016)

## 3.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati fid-Dħul u fl-Infiq

### Statement of Income and Expenditure

| | Notes | 2016 € | 2015 € |
|---|---|---|---|
| **Revenue** | | | |
| Funds received from Central Government | 3 | 743,079 | 720,799 |
| Income raised under Local Enforcement System | 4 | 7,206 | 8,693 |
| General Income | 6 | 38,132 | 21,313 |
| | | 788,417 | 750,805 |
| **Expenditure** | | | |
| Personal Emoluments | 7 | (127,562) | (106,243) |
| Operations and maintenance | 8 | (283,173) | (267,098) |
| Administration and other expenditure | 9 | (311,212) | (336,861) |
| | | (721,947) | (710,202) |
| **Operating profit for the year** | | 66,470 | 40,603 |
| Finance income | 5 | 76 | 144 |
| **Profit for the year** | | 66,546 | 40,747 |
| **Total comprehensive income** | | 66,546 | 40,747 |

## Statement of Affairs

| | Notes | 2016<br>€ | 2015<br>€ |
|---|---|---|---|
| **ASSETS** | | | |
| **Non-Current Assets** | | | |
| Property, plant and equipment | 11 | 1,979,711 | 2,149,695 |
| Intangible assets | 10 | 3,074 | 2,497 |
| | | 1,982,785 | 2,152,192 |
| **Current Assets** | | | |
| Receivables | 12 | 107,782 | 101,176 |
| Cash at bank and in hand | 13 | 246,460 | 110,763 |
| | | 354,242 | 211,939 |
| **Total Assets** | | 2,337,027 | 2,364,131 |
| **RESERVES** | | | |
| Retained earnings | | 1,376,591 | 1,310,045 |
| **Total reserves** | | 1,376,591 | 1,310,045 |
| **Non-Current Liabilities** | | | |
| Long-term borrowings | 15 | 140,918 | 254,178 |
| Non-current Deferred Income | 16 | 353,904 | 354,806 |
| | | 494,822 | 608,984 |
| **Current Liabilities** | | | |
| Trade and other payables | 14 | 93,778 | 91,000 |
| Short-term borrowings | 15 | 371,836 | 354,102 |
| | | 465,614 | 445,102 |
| **Total Liabilities** | | 960,436 | 1,054,086 |
| **Total reserves and liabilities** | | 2,337,027 | 2,364,131 |

## Statement of Changes in Equity

| | Retained Funds | Total |
|---|---|---|
| | € | € |
| **At 1 January 2015** | 1,269,298 | 1,269,298 |
| Profit for the year | 40,747 | 40,747 |
| Total comprehensive income | 40,747 | 40,747 |
| **At 31 December 2015** | 1,310,045 | 1,310,045 |
| **At 1 January 2016** | 1,310,045 | 1,310,045 |
| Profit for the year | 66,546 | 66,546 |
| Total comprehensive income | 66,546 | 66,546 |
| **At 31 December 2016** | 1,376,591 | 1,376,591 |

## Cash Flow Statement

| | 2016 | | 2015 | |
|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € |
| **Cash flow from operating activities** | | | | |
| **Net profit for the year** | 66,546 | | 40,747 | |
| Reconciliation to cash generated from operations: | | | | |
| Depreciation | 212,178 | | 235,087 | |
| Amortisation | 784 | | 325 | |
| Loss on write offs of property plant and equipment | 289 | | - | |
| Movement in Provision for Doubtful Debts | (384) | | (198) | |
| Property, plant and equipment written off | - | | 150 | |
| Interest receivable | (76) | | (144) | |
| Operating surplus before working capital changes | 279,337 | | 275,667 | |
| Increase in receivables | (896) | | (40) | |
| (Increase)/Decrease in other receivables | (5,327) | | 73,641 | |
| Increase/(Decrease) in payables | 15,131 | | (30,873) | |
| (Decrease)/Increase in other payables | (13,981) | | 5,479 | |
| Government grant released | (42,882) | | (43,487) | |
| Cash generated from operating activities | | 231,382 | | 280,387 |
| **Cash flow from investing activities** | | | | |
| Interest received | 76 | | 144 | |
| Purchase of intangible fixed assets | (1,361) | | (2,596) | |
| Purchase of property, plant & equipment | (42,483) | | (7,526) | |
| Grants received | 43,609 | | 10,298 | |
| Cash (used in)/generated from investing activities | | (159) | | 320 |
| **Cash from financing activities** | | | | |
| New short term related party borrowings | 4,323 | | 288 | |
| Repayment of short term third party borrowings | (85,602) | | (215,018) | |
| Cash used in financing activities | | (81,279) | | (214,730) |
| **Net increase in cash in the year** | | 149,944 | | 65,977 |
| Cash and equivalents at beginning of year | | 88,859 | | 22,582 |
| **Cash and equivalents at end of year** | | 238,803 | | 88,559 |